*id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452 huma ċari u inekwivoki billi ma jħallu l-ebda dritt ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal għajr fuq punt ta' liġi - strettament l-appellanta hawnhekk mhijex qiegħda tissolleva l-ebda kwistjoni li tolqot punt ta' liġi, u saħansitra tidħol f'diversi argumenti dwar il-mertu li dwarhom m'hemm l-ebda dritt ta' appell*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 13/2023 LM

**Anna Zawistowska (K.I. nru. 153619(A))**

*('l-appellata')*

***vs.***

**BML Group Ltd (C 4836)**
**u wara l-verbal datat 24/01/2018 għandu jaqra BML Group Ltd (C 34836)**

*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà ntimata **BML Group Ltd (C 34836)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'] mid-deċiżjoni [minn issa 'l quddiem 'id-

deċiżjoni appellata’] mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa ’l quddiem ‘it-Tribunal’] fil-25 ta’ Jannar, 2023 fil-Kwistjoni tax-Xogħol nru. 3602/CC deċiżjoni nru. 2884, fejn it-Tribunal iddeċieda t-talba tar-rikorrenti **Anna Zawistowska (K.I. nru. 0153619(A))** [minn issa ‘l quddiem ‘l-appellata’] kif ġej:

> ***“Deċiżjoni***
>
> *Ta’ min jirreleva li t-Tribunal irid jiddeċiedi jekk ir-raġuni tat-terminazzjoni ta’ mpjieg tkunx tajba u suffiċjenti skont il-liġi u wara kollox li tkun tissodisfa l-ġustizzja naturali.*
>
> *Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ġew esposti f’dan il-proċess, it-Tribunal jaqta’ u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti ma kinitx waħda ġusta.*
>
> *Fiċ-ċirkostanzi, dan it-Tribunal jqis is-somma ta’ €50,000 bħala kumpens ġust, u jordna li tali kumpens għandu jitħallas lill-Appellanti mis-Soċjetà Ntimata, fi żmien erba’ (4) ġimgħat mid-data ta’ din id-deċiżjoni.*
>
> *Dan il-kumpens kien motivat minn konsiderazzjoni xierqa tal-fatt li d-durata tal-impjieg mas-Soċjetà Ntimata kienet ta’ tmintax-il xahar, damet bla xogħol għal diversi xhur, u li hija tippossjedi ħiliet u kwalifiki akkademiċi notevoli li ċertament jagħmluha mhux diffiċli li terġa’ tikseb impjieg b’kundizzjonijiet komparabbli ma’ dak li kellha mas-Soċjetà Ntimata.*
>
> *Dan it-Tribunal ħa konjizzjoni wkoll tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imħ. Anthony Ellul fosthom Carmel Borg vs MPTSOL deċiża nhar 8 ta’ Marzu 2019 u Publius Davison vs De La Rue Currency & Security Printing deċiża minn l-istess fit-23 t’April 2018 fejn ġie stabbilit li: ‘*Fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tal-Art 81(2) KAP 452, it-Tribunal għandu diskrezzjoni, u fejn din trid tkun proporzjonata jew raġonevoli. Li l-Arbitru tat-Tribunal għandu jkun wieħed *boni viri* bażata fuq apprezzament ekwu skont il-mudell tal-*bonus pater familias’.”*

## Fatti

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw l-impjieg tal-appellata mas-soċjetà appellanta fuq kuntratt ta’ natura indefinita bħala *Senior Legal Counsel*[1],

[1] Ara kuntratt ta’ mpjieg anness mad-dikjarazzjoni tal-appellata bħala ‘Doc 1’ a *fol.* 7 tal-atti tat-Tribunal.

liema mpjieg ġie terminat fit-8 ta' Awwissu, 2017.[2] Is-soċjetà appellanta allegat li l-impjieg kien ġie tterminat għaliex l-imsemmija appellata kienet kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt tax-xogħol tagħha u l-*policies* applikabbli tal-appellanta, wara li hija kienet bagħtet diversi *emails* tax-xogħol fl-indirizz tal-*email* tagħha personali.

**Mertu**

3. L-appellata għalhekk istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal fis-6 ta' Diċembru, 2017 permezz ta' rikors fil-konfront tal-appellanta, fejn talbet lill-imsemmi Tribunal sabiex jiddikjara li t-tkeċċija tagħha ma kinitx skont il-liġi u sabiex jistabbilixxi kumpens xieraq.

4. L-appellanta wieġbet billi ppreżentata r-risposta tagħha fis-17 ta' Jannar, 2018 quddiem it-Tribunal, fejn qabel xejn irrilevat li n-numru ta' reġistrazzjoni ndikat ma kienx tagħha iżda tas-soċjetà Thomas Richter International Limited, u għaldaqstant kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju. Dwar il-mertu ssottomettiet li l-allegazzjoni tal-appellata kienet infondata fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk it-talba tagħha kellha tiġi miċħuda għal dawk ir-raġunijiet li tfisser fit-tweġiba tagħha.

**Deċiżjonijiet preliminari**

5. Fil-każ odjern it-Tribunal ta żewġ deċiżjonijiet preliminari. Permezz tal-ewwel deċiżjoni preliminari mogħtija waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2018, it-

[2] Ara notifika bil-miktub 'Doc 10' *a fol.* 32 tal-atti tat-Tribunal.

Tribunal *"...ordna illi ssir korrezzjoni fl-*occhio *u dan għandu jinqara BML Group Ltd C 34836 u dan wara li s-soċjetà ntimata tiġi notifika bl-atti kif korretti".* Fid-deċiżjoni preliminari tiegħu tat-18 ta' April, 2018, it-Tribunal ċaħad it-tieni eċċezzjoni tal-appellanta fejn din kienet qiegħda tikkontendi li l-appellata kienet ressqet it-talba tagħha quddiemu wara erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat. L-appellanta appellat id-deċiżjoni quddiem din il-Qorti, li fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Diċembru, 2018 ċaħdet l-appell tagħha, bl-ispejjeż kontriha, u dan filwaqt li bagħtet l-atti lura quddiem it-Tribunal sabiex ikompli bis-smigħ tal-proċeduri.

**<u>Id-deċiżjoni appellata</u>**

6. Dawn huma l-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal li wasluh għad-deċiżjoni tiegħu:

- ***Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal***

*Dan it-Tribunal fela bir-reqqa dovuta dak kollu li ħareġ waqt dan il-proċess u dan sabiex ikun stabbilit jekk it-terminazzjoni tal-impjieg li kienet effettiva mit-8 t'Awwissu 2017, kinitx waħda ġusta u suffiċjenti fil-konfront tal-akkużi li l-Appellanti kienet bagħtet* E-mails *mill-kompjuter tax-xogħol għal fuq l-*Email *personali tagħha.*

*It-Tribunal jagħraf* a priori *li l-appellanti ammettiet li hija kienet bagħtet lilha nnifisha tali* Emails *għal fuq l-*Email *personali tagħha u fid-dawl ta' dan, il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiffoka fuq żewġ binarji u ċjoe' l-ewwel biex janalizza jekk il-proċedura li wasslet għal tali terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellanti, kinitx waħda li tiggarantixxi trasparenza u ġustizzja, u t-tieni jekk tramite din il-proċedura, d-deċiżjoni li jintemm l-impjieg kinitx waħda ġusta u suffiċjenti.*

*Fl-inkwadratura ta' dan, dan it-Tribunal xtarr sewwa kull dettall li ħareġ waqt dan il-proċess inkluż tax-xhieda kollha mogħtija. Dan it-Tribunal b'mod partikolari jislet dawn il-punti:*

- *Fi Frar 2017 l-Appellanti talbet sabiex tiltaqa' mal-*HR Manager *Beatrice Svensson, fejn għarrfitha li hija ilha tiġi bbullijata minn Abbey Cosgrave għal żmien twil. Hija stqarret li meta talbet lill-*HR Manager *għal għajnuna u parir, din weġbitha li ma tantx setgħet tgħinha fiċ-ċirkostanzi u li '*...if I didn't agree with my manager, I should probably leave the company'.

- *Fi spazju ta' ġimgħa, l-Appellanti ngħatat żewġ* written warnings *u ċjoe' fis-6 u 12 ta' Ġunju 2017. Qabel il-ħruġ ta' dawn iż-żewġ* written warnings *ma jirriżultax li qatt qabel kien hemm xi misura dixxiplinarja fil-konfront tal-Appellanti.*

- *Immedjatament wara l-ħruġ tar-*written warning *tat-12 ta' Ġunju 2017, l-Appellanti iddeċidiet li tagħmel '*a formal grievance', *fejn talbet li l-*HR jagħtiha HR Policies *fejn jirrigwardjaw* Grievance Procedures *u* Harassment at Work.

- *Fit-13 ta' Ġunju 2017 l-Appellanti nħarġitilha* Charge Sheet *li kien qed jinformaha bl-allegazzjoni ta'* Gross Misconduct. *F'din il-korrispondenza l-Appellanti kienet mgħarrfa li 7 ijiem wara (fid-19 ta' Ġunju), kellha tattendi għall-*Investigation Meeting *fejn setgħet tkun akkumpanjata minn kollega jew* 'third party' *bil-*proviso *li tali akkumpanjament iservi biss ta' xhieda. Din iċ-*Charge Sheet *kienet iġġib il-firma ta' Beatrice Svensson bħala* HR.

- *Nhar l-14 ta' Ġunju 2017 inbdiet investigazzjoni li ġiet kondotta minn Abbey Cosgrave fil-kariga ta'* General Counsel *u minn Helen Baker* HR Manager, *dwar li l-Appellanti kienet bagħtet* E-mails *mill-kompjuter tax-xogħol għal fuq l-*Email *personali tagħha. Tali nvestigazzjoni ġiet konkluża fis-17 ta' Lulju 2017.* Investigation Report *datat 18 ta' Lulju 2017 ġie ffirmat mill-istess Cosgrave u Baker.*

- *Nhar il-25 ta' Lulju 2017 lill-Appellanti nħarġitilha* Charge Sheet *oħra u li effettivament wasslet għat-terminazzjoni tal-impjieg tagħha. F'din il-korrispondenza l-Appellanti kienet mgħarrfa li jumejn wara (fis-27 ta' Lulju), kellha tattendi din id-darba għall-*Disciplinary Meeting *fejn għal darb'oħra ntaql lilha li setgħet tkun akkumpanjata minn kollega jew '*third party' *bil-*proviso *li tali akkumpanjament iservi biss ta' xhieda. Din ic-*Charge Sheet *kienet iġġib il-firma ta' Taina Mkkonen bħala* Chief HR Officer.

- *Id-*Disciplinary Committee *kien kompost minn Dr. Olga Finkel Direttur u mill-istess* Chief HR Officer *li ħarġet ic-*Charge Sheet *bl-akkużi fil-konfront tal-Appellanti.*

- *Għall-finijiet tad-*Disciplinary Meeting *l-Appellanti tħalliet tkun assisstita minn Avukat wara li min-naħa tagħha kien ġie ntavolat Mandat ta' Inibizzjoni.*
- *Fix-xhieda tagħha waqt il-proċess Dr. Olga Finkel li kienet Membru fid-*Disciplinary Committee *li iddeċieda t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellanti, stqarret li meta waqt id-*Disciplinary Hearing *hija ppruvat tasal għall-mottivi għaliex l-Appellanti bagħtet l-*Emails *in kwistjoni, hija kkonkludiet li '*it was much less plausible for me to believe she is incompetent and it was much less plausible to believe that she just did this because **she had some possibly ulterior motives'**. *Però waqt dan il-proċess quddiem dan it-Tribunal, la Dr. Finkel u l-ebda xhud ieħor imressaq mis-Soċjetà Ntimata ma tefa' xi ħjiel dwar x'setgħu kienu dawn il-***possibly ulterior motives** *fl-aġir tal-Appellanti meta bagħtet l-*E-mails *lilha nnifisha.*

*Dan it-Tribunal josserva li ċ-*Charge Sheet *datata 13 ta' Ġunju 2017 b'allegazzjoni ta'* Gross Misconduct, *inħareġ propju appena l-Appellanti għarrfet lill-*HR *li għandha l-ħsieb li tinizjala* Grievance Procedure*, u di più kien inħareġ meta l-investigazzjoni fuq rapporti li hija bagħtet* Emails *minn fuq il-kompjuter tax-xogħol lilha stess, kienet għadha l-anqas inbdiet. Tant li din l-investigazzjoni nbdiet l-għada, u ċjoe fl-14 ta' Ġunju 2017.*

*Dan it-Tribunal josserva wkoll illi Abby Cosgrave, l-persuna li kkonduċiet dik l-investigazzjoni flimkien ma' persuna oħra mill-HR, hija l-istess persuna li fi Frar 2017, l-Appellanti kienet ilmentat dwarha mal-*HR Manager *Beatrice Svensson, fejn kienet irrapportat li Cosgrave kienet qed teżerċita bullissmu fil-konfront tagħha.*

*Dan it-Tribunal jirrileva li l-ambjent olistiku tal-impjieg tal-appellanti kien inkwinat bir-relazzjoni xejn feliċi li kien hemm bejn Abby Cosgrave u l-Appellanti. L-episodji ta' meta fi Frar 2017 l-Appellanti tkellmet mal-*HR Manager *fejn talbitha l-għajnuna minħabba* bullying *min-naħa ta' Cosgrave, l-immaniġġjar tal-istess Cosgrave fl-*issue *tal-parteċipazzjoni tal-Appellanti f'konferenza ġewwa Amsterdam, kif ukoll l-argumentazzjoni li nqalgħet u kif iddeġenerat ruħha nhar it-14 ta' Ġunju 2017 meta l-Appellanti sfat sospiża mix-xogħol, ċertament li jindikaw dan.*

*Dan it-Tribunal iħoss li kieku min-naħa tal-*HR *Svensson, l-ilment tal-Appellanti dwar* bullying *ġie ndirizzat kif jimmeritaw ċirkostanzi simili, tali relazzjoni lavorattiva ma kinitx tkompli tikkomplika ruħha. Ir-rispons min-naħa tal-*HR *Svensson għal tali lment fejn hija kienet wieġbet lill-Appellanti li ma tantx setgħet tgħinha fiċ-ċirkostanzi u li '*...if I didn't agree with my manager, I should probably

leave the company', *kien wieħed xejn professjonali u li kważi kien qed jistieden lill-Appellanti sabiex tirriżenja mill-impjieg.*

*Il-fatt li Helen Baker* HR Manager *ħadet sehem fl-*Investigation Process *u Taina Mkkonen bħala* Chief HR Officer *ħadet sehem fid-*Disciplinary Committee, *u ċjoe' żewġ persuni mill-istess* HR Department*, għal dan it-Tribunal, jirrispekkja sitwazzjoni fejn allura dan id-Dipartiment anke jekk tramite persuni differenti, nvestiga lill-Appellanti, ħarġilha l-akkużi u ġġudikaha wkoll.*

*Fil-fatt Taina Mkkonen li ħadet sehem fid-*Disciplinary Committee *li iddeċieda favur li l-Appellanti kellha tkun liċenzjata, kienet l-istess Taina Mkkonen li ħarġet it-tieni* Charge Sheet *bl-akkużi fil-konfront tal-Appellanti.*

*Ċertament li dan joħloq ċertu xettiċiżmu f'kull min jemmen fl-imparzjalità ta' kif għandhom ikunu kondotti proċessi ta' dixxiplina. Dan it-Tribunal bħal ma ppronunzja ruħu diversi drabi jisħaq li proċeduri ta' dixxiplina, b'mod partikolari fejn ikun indikat li tali proċeduri jistgħu jwasslu għal terminazzjoni tal-impjieg, f'kull stadju jridu jkunu jirrispekkjaw proċess ġust u ħieles minn kull prekundizzjonament tal-moħħ. Dan fid-dawl li liċenzjament huwa meqjus bħala l-Piena Kapitali fil-qasam tal-ġustizzja fuq il-post tax-xogħol.*

*Anke fuq il-mertu biss tal-fatt li l-Appellanti bagħtet lilha nnifisha* E-mails *li kienu fil-kompjuter li kienet tuża hi fuq ix-xogħol għal fuq* E-mail *personali tagħha, u li l-gie meqjus mill-*Management *bhala* Gross Misconduct, *tali nuqqas ċertament li ma kienx jimmerita l-eħrex piena, dik li jiġi mitmum l-impjieg.*

*Dan it-Tribunal wasal għall-konklużjoni li t-temm tal-impjieg tal-Appellanti kien diġà mfassal minn qabel ma beda jiġi trattat id-*Disciplinary Meeting *fit-31 ta' Lulju 2017, u ma ġiex konvint li d-deċiżjoni li jintemm l-impjieg tal-Appellant ittieħdet espliċitament minħabba l-fatt li l-Appellanti bagħtet lilha nnifisha* E-mails *li kienu fil-kompjuter li kienet tuża hi fuq ix-xogħol għal fuq* E-mail *personali tagħha.*

*Proċeduri ta' dixxiplina m'għandhom qatt iservu ta' kamuffa għal deċiżjoni li diġà tkun kontemplata."*

## <u>L-Appell</u>

7. L-appellanta ppreżentat ir-rikors tal-appell tagħha quddiem din il-Qorti fis-6 ta' Frar, 2023 fejn qiegħda titlob għat-tħassir u r-revoka tad-deċiżjoni

appellata, u tordna sabiex l-atti jintbagħtu lura quddiem it-Tribunal kif diversament kompost, ġaladarba l-ewwel ġudikant kien diġà esprima ruħu, sabiex tingħata deċiżjoni *ai termini* tal-liġi, bl-ispejjeż a karigu tal-appellata. Tgħid li l-aggravju tagħha huwa li t-Tribunal ma kkunsidrax ir-raġuni għat-temm tal-impjieg tal-appellata.

8. L-appellata wieġbet fid-19 ta' April, 2023 fejn issottomettiet li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta, ekwa u skont il-liġi, u għalhekk l-appell odjern għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Il-Qorti sejra tgħaddi qabel xejn sabiex tistħarreġ jekk l-appell odjern huwiex ammissibbli *ai termini* tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452, għaliex l-appellata qiegħda tikkontendi li l-imsemmi appell għandu jiġi ddikjarat null u bla effett għaliex mhuwiex imsejjes fuq l-ebda punt ta' liġi skont kif jirrikjedi l-imsemmi subartikolu tal-liġi.

10. Il-Qorti tibda billi tirrileva li l-appellanta qiegħda tagħraf li t-Tribunal fehem dik li kienet proprju r-raġuni għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellata, iżda tikkontendi li wara li kkunsidra li huwa kellu jagħmel evalwazzjoni kemm tal-proċedura li wasslet għat-terminazzjoni lamentata, kif wkoll jekk ir-raġuni għat-tkeċċija tagħha kinitx waħda ġusta u suffiċjenti, l-imsemmi Tribunal qabad jinvestiga l-ewwel kwistjoni mingħajr m'għadda sabiex ikkunsidra wkoll ir-raġuni tat-tmiem tal-impjieg tal-appellata, u b'hekk għadda għad-deċiżjoni tiegħu. Il-Qorti tirrileva li d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu 82(3) tal-Kap. 452

huma ċari u inekwivoċi billi ma jħallu l-ebda dritt ta' appell minn deċiżjoni tat-Tribunal għajr fuq punt ta' liġi. Tikkunsidra li strettament l-appellanta hawnhekk mhijex qiegħda tissolleva l-ebda kwistjoni li tolqot punt ta' liġi, u saħansitra tidħol f'diversi argumenti dwar il-mertu li dwarhom kif ingħad m'hemm l-ebda dritt ta' appell. Iżda jekk għandha tikkunsidra l-argument prinċipali tas-soċjetà appellanta bħala wieħed fejn hija qiegħda ssostni li t-Tribunal ma ddeċidiex l-ilment prinċipali tal-azzjoni odjerna, il-Qorti ma ssibx li din għandha raġun. Tirrileva li għalkemm it-Tribunal investiga l-mod kif l-appellata eventwalment tkeċċiet mill-impjieg tagħha, huwa għamel evalwazzjoni sħiħa u ċara tal-fatti li wasslu sabiex is-soċjetà appellanta fi kliem it-Tribunal stess tinfliġġi *"...l-eħrex piena, dik li jiġi mitmum l-impjieg".* Ċertament it-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellata ma setgħetx tittieħed waħedha, hekk kif it-Tribunal ġie mitlub sabiex jistħarreġ jekk din saritx għal raġuni ġusta, iżda kellha tittieħed fl-isfond tal-proċedura sħiħa li wasslet għat-tmiem tal-impjieg tal-appellata. Hekk għamel it-Tribunal, u l-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni appellata.

11. Għaldaqstant il-Qorti issib li l-aggravju tas-soċjetà appellanta mhux ġustifikat, u tiċħdu.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell odjern, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tas-soċjetà appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**